MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-6 ta' Frar, 2004

Avviz Numru. 204/2002/1

**Avviz numru 204/2002DM**

**Anthony Azzopardi u Carmel sive Charles Azzoopardi kif ezercenti l-kunmmerc taht l-isem Azzopardi Fisheries**

**Vs**

**Raymond Vella u Victoria Vella**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef tlett mija u seba liri Maltin (Lm4307) rapprezentanti prezz ta' hut lilhom mibjughin u kkonsenjati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tat-18 ta' Novembru 1999, tal-31 ta' Jannar 2000, tas-26 ta' Ottubru 2001, tal-mandat ta' sekwestru tat-18 ta' Marzu 2002, u tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Marzu 2002 u bl-imghax legali mit-28 ta' Gunju 1999 kontra il-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.
Rat in-nota tal-attur tal-lum stess permezz ta' liema irriduca s-sorte ghas-somma ta' Lm735.09 (seba' mija hamsa u tletin lira Maltin u disa' centezmi) oltre l-imghax legali b'effett mil-lum u l-ispejjez tal-kawza.

Rat in-nota tal-konvenuti li permezz taghha ammettew it-talba attrici hekk kif ridotta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum permezz ta' liema l-partijiet qablu li din is-sentenza tkun ezegwibbli wara t-30 t'April 2004

Ghaldaqstant fuq ammissjoni il-Qorti qedgha tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ghar-ragunijiet indikati fl-avviz huma jhallsu lill-atturi l-bilanc ta' seba' mija hamsa u tletin lira u disa' centezmi (Lm735.09) bl-imghax legali b'effett mil-lum bl-ispejjez kontra l-konvenut u tordna illi din id-decizzjoni tkun ezegwibbli b'effett mill-1 ta' Mejju 2004

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------